**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 28 ta' Ottubru, 2015**

**Citazzjoni Nru: 616/2015 AF**

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**vs**

**Marsaxlokk Football Club**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' Bank of Valletta plc li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor Annalise Micallef datat 31 ta' Lulju 2009 (Dok. "A") fejn is-socjetà attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Marsaxlokk Football Club.

Is-socjetà attrici tinsab kreditrici ta' Marsaxlokk Football Club fis-somma ta' mija u sebgha u tletin elf, seba' mija u erbgha u erbghin Ewro u sitta u erbghin centezmu (€137,744.46) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Accounts*" ta' Marsaxlokk Football Club mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B3" u "C1 sa C2")

flimkien mal-imghax ulterjuri mid-25 ta' Marzu 2015 sad-data tal-effettiv pagament.

Sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esibiti bhal Dokument "A), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Marsaxlokk Football Club:

(a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Marsaxlokk Football Club li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilità tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjetà attrici.

L-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

Il-konvenut Marsaxlokk Football Club gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 2 ta' Ottubru 2014, li kopja taghha qed tigi hawn esibita u immarkata Dok "D" sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda huwa baqa' inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esibita bhala Dokument "A") partikolarment imma mhux esklussivament billi Marsaxlokk Football Club (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Marsaxlokk Football Club li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilità tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjetà attrici, u

2. Tikkundanna lil Marsaxlokk Football Club jhallas lis-socjetà attrici fis-somma ta' mija u sebgha u tletin elf, seba' mija u erbgha u erbghin Ewro u sitta u erbghin centezmu

(€137,744.46) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Accounts*" ta' Marsaxlokk Football Club mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B3" u "C1 sa C2") flimkien mal-imghax ulterjuri mid-25 ta' Marzu 2015 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 2 ta' Ottubru 2014 kontra l-konvenut li hu ingunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat in-nota ta' Frank Cachia ghan-nom u in rapprezentanza ta' Marsaxlokk Football Club illi permezz taghha l-esponenti jikkonferma illi l-Klabb qieghed jammetti t-talbiet rikorrenti filwaqt illi jgharraf lil din l-Onor. Qorti li l-istess Klabb qieghed ifittex li jintlahaq ftehim ragjonevoli mas-Socjetà rikorrenti, rigwardanti l-manjiera li biha ser jigu effettwati l-hlasijiet dovuti mertu ta' din il-kawza, lill-istess socjetà.

Fic-cirkostanzi ghaldaqstant in vista tal-fuq riferita ammissjoni, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet kollha ta' Bank of Valletta plc kif dedotti, bl-ispejjez kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Marsaxlokk Football Club.

IMHALLEF

DEP/REG